# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## IMHALLEF
## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 9 ta' Marzu, 2000.**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 474/94 JF**

**Benjamin Rizzo fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' Alutrade Limited ghan-nom u un rapprezentanza ta' l-istess socjaeta' ta' Serena, Moses gatt Street, B'Kara.**

**-vs-**

**Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Med Alls Limited ta' Fininvest House, New Street in Mill street, Qormi.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

U premess illi l-attur nomine huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin lira, hamsa u tletin centezmu u hames millezmi (LM1281.35,5) prezz ta' aluminium lilha mibjugh u kkonsenjat mill-attur nomine.

U premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi interpellata thallas naqset.

Talab li din il-Qorti:-

1. Jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' LM1281.35,5 fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Frar 1994 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1993 kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut noe fejn eccepixxa li :

1. Preliminarjament, id-dekadenza tal-azzjoni;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-kwalita' tal-merkanzija ma kenitx dik patwita.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda prodotta,

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Tirrileva qabel xejn li z-zewg kawzi fl-istess ismijiet, wahda citazzjoni numru 471/74/JF u l-ohra citazzjoni numru 474/94/JF bdew, ghal ragunijiet ovvji, jinstemghu kontestwalment billi, hlief ghall-ammont bilancjali mitlub bhala sorte mis-socjeta' attrici fiz-zewg kawzi, il-meritu tal-vertenza huwa wiehed identiku;

Illi fil-kawza citazzjoni numru 474/94/JF l-attur nomine qieghed jitlob minn ghand is-socjeta' konvenuta hlas fl-ammont ta' elf mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija, hamsa u tletin centezmu u hames millezmi (LM1281.35c5), prezz ta' aluminium lilha mibjugh u kkonsenjati;

Is-socjeta' konvenuta ma tichadx li l-ammont mhux imhallas imma eccepiet il-preskrizzjoni - li giet michuda in forza ta' sentenza in parte moghtija fil-25 ta' Settembru 1995 - u li l-merkanzija de quo ma kienetx tal-kwalita' pattwita. Xehed l-attur nomine mnejn jirrizulta li effettivament huma bieghu u kkunsinnaw il-merkanzija u taghha ma thallsux billi wkoll il-konvenut nomine kien dejjem jippromettilhom li jhallashom aktar 'il quddiem, bla ilmenti ohrajn. Il-konvenut jallega li kellu xi lmenti dwar difetti fil-prodott li huma xtraw, fl-istess waqt pero' jirrizulta abbondantement li huma "a loro volta" bieghu lil terzi din il-merkanzija u nkassaw anke parti mill-flus u mill-bqija ma elabora xejn aktar ta' sostanza. Kjarament it-talba attrici hija sufficjentement ippruvata u timmerita li tigi milqugha kif dedotta. Intalbu ghadd ta' differimenti ghal fini ta' transazzjoni pero' ma jidhirx li ftehim ahhari gie milhuq.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li taghmel mill-gdid riferenza ghad-decizjoni taghha in parte moghtija fil-25 ta' Settembru 1995 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni dwar preskrizzjoni u filwaqt ukoll li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra , tilqa' t-talba attrici kif dedotta b'dana li tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine l-ammont mitlub bl-interessi kif mitluba sal-hlas effettiv. Il-Kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md